

32007R0290

L 78/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.3.2007

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 290/2007****tas-16 ta' Marzu 2007****li jistabbilixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 40(2)(d)(v) u l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 jipprevedi li perċentwal, komuni għall-Istati Membri kollha, ta' zokkor u isoglukożju jista' jiġi rtirat mis-suq sabiex jinżamm il-bilanċ strutturali tas-suq flivell ta' prezz qrib dak ta' referenza.
- (2) Il-bilanċ imbassar għas-sena tas-suq 2007/2008 juri eċċess fil-provvisti fis-suq Komunitarju, partikolarment minħabba l-fatt li l-abbandun tal-kwoti skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 ta' l-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi sistema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni <sup>(2)</sup>, kienu anqas mit-tbassir. Dan l-eċċess, li jista' jammonta għal madwar erba' miljun tunnellata zokkor u isoglukożju, aktarx li jikkawża tnaqqis sinifikanti tal-prezzijiet fis-suq Komunitarju matul is-sena tas-suq 2007/2008.
- (3) Għalhekk, biex jinżamm bilanċ strutturali tas-suq jeħtieġ li jiġi stabbilit perċentwal ta' l-irtirar fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.
- (4) Madankollu, l-applikazzjoni ta' l-irtirar previst mill-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 ma tinċentivax il-produtturi biex inaqqsu l-produzzjoni tagħhom, billi l-perċentwal ta' l-irtirar huwa applikat b'mod

lineari għall-kwantitajiet kollha prodotti fil-kwota, min-għajr ma jitqiesu sforzi eventwali minn ċerti impriżi biex jadattaw il-produzzjoni. L-istrument ta' l-irtirar jista' għaldaqstant jitqies insuffiċjenti billi ma jħallix li jkun prevenut il-ħolqien ta' eċċess fis-suq. Fil-fatt, l-Artikolu 19 ma jimpedix il-produzzjoni żejda iżda jippermetti sempliċement l-irtirar taz-zokkor diġà prodott. Dan iwassal għal spejjeż li jistgħu jkunu evitati jekk il-produzzjoni żejda tkun impedita f'fażi preċedenti.

- (5) Bil-għan li jitjeb l-istrument ta' l-irtirar billi jinħoloq inċentiv għall-produtturi biex inaqqsu l-produzzjoni tagħhom, il-Kummissjoni biħsiebha tipproponi lill-Kunsill emenda għar-Regolament (KE) Nru 318/2006 li tintroduċi limitu, safejn il-kwantitajiet prodotti fil-kwota minn kull impriża ma jkunux irtirati. Fi kliem ieħor, l-impriżi li jipproduċu inqas mil-limitu jkunu eżentati mill-obbligu ta' rtirar, billi jikkontribwixxu inqas għall-eċċess. B'hekk, l-impriżi jkunu jistgħu jadattaw il-produzzjoni tagħhom u jkunu jistgħu b'mod partikolari jiddeċidu li jipproduċu jew le iżjed mil-limitu.
- (6) Biex il-limitu għall-applikazzjoni tal-perċentwal ta' l-irtirar ikollu effett reali fuq il-produzzjoni, jeħtieġ li jkun limitat l-ambitu ta' l-obbligu previst mill-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 bil-għan li jkun evitat li l-impriżi li jipproduċu z-zokkor ikollhom jħallu l-prezz minimu għal kwantitajiet ta' pitravi korrispondenti mat-totalità tal-kwota tagħhom, inkluż il-kwantitajiet li għalihom għadhom ma ġewx konklużi l-kuntratti ta' konsenja.
- (7) Minkejja dan, mhuwiex possibbli li l-istrument ta' l-irtirar ikun aġġustat fil-ħin biex ikollu effett preventiv fuq il-produzzjoni tas-sena tas-suq 2007/2008. Billi t-tbassir qed juri eċċess partikolarment imdaqas għal din is-sena tas-suq minħabba l-funzjonament batut ta' l-istrument għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor, jitqies neċessarju r-rikors għall-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 biex tiddaħħal urġentement miżura preventiva li tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' limitu għall-applikazzjoni tal-perċentwal ta' l-irtirar. Jeħtieġ li dan il-limitu jiġi stabbilit flivell li jkun possibbli li tkun impedita l-produzzjoni ta' kwantità sinifikanti ta' zokkor, meta mqabbla ma' dik li inkella kienet tkun irtirata skond l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.

(1) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2011/2006 (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 1).

(2) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.

(8) Fl-istess kuntest, ikun jeħtieġ li jitqies il-fatt li l-limitazzjonijiet marbuta mal-miżura preventiva jistgħu jkollhom konsegwenzi ekonomiċi serji għall-impriżi fl-Istati Membri li għamli sforzi partikolari fil-qafas tas-sistema ta' ristrutturar stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 320/2006. Effett bħal dan imur kontra l-għan proprju ta' din is-sistema u ta' l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, li l-għan tagħha hu li tiggarrantixxi l-vijabilità u l-kompetittività ta' dan is-settur. Għalhekk, jeħtieġ li tkun prevista eżenzjoni mill-applikazzjoni tal-perċentwal ta' l-irtirar preventiv għall-Istati Membri fi proporzjon mal-perċentwal tal-kwota nazzjonali li għe rrinunzjat fil-qafas tas-sistema tar-ristrutturar imsemmija hawn fuq.

(9) Biex tkun totalment effikaċi, il-miżura għandha tiġi adottata qabel ma l-perjodu li fih jinżergħu l-pitravi jidħol għmielu, biex b'hekk il-produtturi u l-manufatturi jkunu jistgħu jippjanaw u jiġġestixxu fl-aqwa kundizzjonijiet il-produzzjoni tagħhom għas-sena tas-suq 2007/2008.

(10) Madankollu, sabiex jitqiesu l-inċertezzi tat-tbassir l-aktar dawk dwar il-produzzjoni, jeħtieġ li jsir provvediment biex il-perċentwal ta' l-irtirar jista' jiġi aġġustat, jekk dan ikun meħtieġ, ladarba d-dejta dwar iċ-ċifri finali tas-sena tas-suq 2007/2008 tkun aktar preċiża. Jekk il-perċentwal aġġustat ikun ogħla minn dak inizjalment stabbilit minn dan ir-Regolament, id-differenza għandha tiġi applikata għall-produzzjoni kollha fil-kwota, billi l-għan tal-miżura f'din il-fażi ma għadux dak li jinkiseb effett preventiv iżda li s-suq ikun ġestit fir-rigward ta' eċċess li rriżulta effettivament.

(11) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-provvista ta' zokkor u/jew isoglukożju għall-manifattura tal-prodotti msemmiya fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, jeħtieġ li l-kwantitajiet irtirati jitqiesu bħala eċċess ta' zokkor jew isoglukożju għas-sena tas-suq 2007/2008 li jistgħu jinbidlu f'zokkor jew isoglukożju industrijali.

(12) Skond l-Artikolu 19(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, il-bżonnijiet tradizzjonali tal-provvista ta' zokkor abjad għas-settur tar-raffinar għandhom jitnaqqsu bl-istess perċentwal stabbilit għall-irtirar. F'każ li jiġi stabbilit perċentwal ta' l-irtirar differenti, it-tnaqqis tal-bżonnijiet tradizzjonali tal-provvista għandu jkun aġġustat ukoll.

(13) Il-Kumitat ta' Ġestjoni taz-zokkor ma ħariġx opinjoni fiż-żmien stipulat mill-president tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-perċentwal imsemmi fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandu jkun ta' 13,5 %.

2. B'deroga mill-paragrafu 1:

(a) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu ta' hawn fuq ma japplikax għall-impriżi bi produzzjoni anqas minn 86,5 % tal-kwota tagħhom għas-sena tas-suq 2007/2008,

(b) għall-impriżi li, għas-sena tas-suq 2007/2008, jipproduċu kwantità daqs jew ogħla minn 86,5 % tal-kwota tagħhom, il-kwantitajiet prodotti 'l fuq mil-limitu tat-86,5 % huma rtirati,

(c) Il-perċentwal fil-paragrafu 1 ma japplikax għall-kwantitajiet prodotti fl-Istati Membri li l-kwota nazzjonali ta' zokkor tagħhom għet irrinunzjata għal tal-anqas 50 % mill-1 ta' Lulju 2006, bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006.

Għall-Istati Membri li l-kwota nazzjonali tagħhom għet irrinunzjata għal tal-anqas 50 % mill-1 ta' Lulju 2006, bħala konsegwenza tar-rinunzja għall-kwoti skond l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, il-perċentwal ta' l-irtirar previst mill-ewwel paragrafu jitnaqqas bi proporzjon mal-kwoti rrinunzjati.

Il-perċentwal li japplika skond dan il-punt huwa stabbilit fl-Anness.

3. Il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi aġġustat sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2007. F'każ li t-tieni perċentwal ikun ogħla mill-ewwel wieħed, id-differenza għandha tiġi applikata għall-produzzjoni kollha fil-kwota.

4. Il-kwantitajiet irtirati skond il-paragrafu 2(b) u l-paragrafu 3 jitqiesu bħala eċċess ta' zokkor jew isoglukożju tas-sena tas-suq 2007/2008, li jistgħu jinbidlu f'zokkor jew isoglukożju industrijali.

5. L-obbligu msemmi fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għall-ħlas ta' talanqas il-prezz minimu japplika biss għall-kwantitajiet ta' pitravi prodotti fil-kwota wara l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 2*

1. Għas-sena tas-suq 2007/2008, il-bżonnijiet tradizzjonali tal-provvista ta' zokkor għas-settur tar-raffinar imsemmija fl-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, għandhom jam-montaw għal massimu ta' 2 110 371 tunnellata li jitqassmu hekk:

- (a) 171 917 tunnellata għall-Bulgarija;
- (b) 256 582 tunnellata għal Franza;
- (c) 43 250 tunnellata għall-Italja;
- (d) 308 488 tunnellata għall-Portugall;

(e) 285 135 tunnellata għar-Rumanija;

(f) 16 941 tunnellata għas-Slovenja;

(g) 51 835 tunnellata għall-Finlandja;

(h) 976 223 tunnellata għar-Renju Unit.

2. L-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 huwa aġġustat f'każ ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 1(3).

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Marzu 2007.

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membri tal-Kummissjoni*

## ANNEX

**Perċentwal ta' l-irtirar stabbilit skond l-Artikolu 1(2)(c)**

Stat Membru	Perċentwal ta' l-irtirar
Ir-Repubblika Ċeka	7,29
Il-Greċja	0
Spanja	10,53
L-Italja	0
L-Ungerija	6,21
Il-Portugall (kontinentali)	0
Is-Slovakkja	4,32
Il-Finlandja	3,24
L-Iżvezja	10,26